

**Miguel** kien tifel dħuli ma' kulħadd,
Sinċier, ferrieħ u gidba ma jgħid qatt,
Kien dejjem lest isellef il-ġugarelli tiegħu
U għalhekk kulħadd kien jersaq jilgħab miegħu.





Miguel kien jiekol kollox, bla ksieħ jew frattarija
Basta mhux pastard jew zunnarija.
Ommu kienet tgħidlu, "Ma ġara xejn,
La tikber, issir tħobbhom it-tnejn!"



